**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**[Spettur Wayne Camilleri]**
**vs**
**Brian Agius**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

"Brian Agius, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 490578(M).

U nakkuzawh talli nhar l-20 ta' Novembru, 2019, ghall-habta tas-1:00 ta' filghodu, u kif ukoll fil- gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, gewwa Ta' Qali, limiti ta' H'Attard: -

1. flimkien ma' persuni ohra, minn gewwa 'container' li kien fuq 'trailer' bin-numru ta' registrazzjoni TR337,

ikkommettew serq ta' numru ta' kaxxi tal-prodott 'Dominos Mozzarella' ghad-dannu tas-sidien tal-kumpanija 'Fahrenheit' u/jew ta' kumpanija jew kumpaniji ohra u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat reġa' afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikli 49, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(b), 263, 264, 267, 269(c), 270, 271(g), 276. 277(a)(b), 278(3), 279(a), 280(2), 281(3) u 289 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Brian Agius ħati u tikkundanna lill-imputat għall-perjodu ta' tnax-il xahar habs, li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax-il xahar u tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas lura lill-vittma s-somma fl-ammont ta' mija erba' u sebgħin Ewro (€174) fi żmien sitt xhur f'pagamenti mensili.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu mal-obbligi tieghu skont din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur